# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2007

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IT-TIENI SENA** **STORJA** **ĦIN: SIEGĦA U NOFS**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** ________________

**Taħriġ 1**
**Qabbel kolonna B ma' kolonna A billi tikteb numri minn 1 sa 5 fil-kaxxi l-vojta.**

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1. | Empatija | | tqiegħed ġrajjiet li seħħew fl-istorja wara xulxin, skond iż-żmien kif ġraw. |
| 2. | Kronoloġija | | xi ħaġa li tiġri fl-istorja minħabba ġrajja oħra li tkun seħħet eżatt qabilha. |
| 3. | Konsegwenza | | evidenza storika li tkun saret ħafna żmien wara l-ġrajja li tiddeskrivi, bħal ktieb dwar l-istorja. |
| 4. | Sors primarju | | tuża l-immaġinazzjoni biex tipprova tifhem x'kienu jħossu n-nies li għexu fl-imgħoddi. |
| 5. | Sors sekondarju | | evidenza storika li tkun ġejja mill-imgħoddi u aktarx tkun oriġinali. |

**(5 x 1 = 5 marki)**

**Taħriġ 2**
**Fl-istorja jkun hemm żmien li fih il-bniedem jagħmel progress (jimxi 'l quddiem) u jkun hemm żmien fejn jagħmel rigress (imur lura). Liema minn dawn iż-żminijiet fl-istorja juru progress jew rigress fl-Ewropa Medjevali? Itittikkja (✓) il-kolonna t-tajba.**

| | Ġrajja jew żvilupp fl-Istorja | Progress | Rigress |
|---|---|---|---|
| 1. | L-attakki u l-ħerba tal-Vikingi fl-artijiet ta' l-Ewropa tal-Punent. | | |
| 2. | In-Normanni saru Nsara u addottaw drawwiet Franċiżi. | | |
| 3. | Kolombu qasam l-Oċean Atlantiku fl-1492. | | |
| 4. | Il-ħbit tal-furbani fuq il-gżejjer Maltin fil-Medjuevu. | | |
| 5. | L-invenzjoni tal-magna ta' l-istampar fil-Ġermanja għall-ħabta ta' l-1445. | | |

**(5 x 1 = 5 marki)**

**Taħriġ 3.**
**Fdalijiet ta' Żmien Medjevali**

3.1 Qabbel dawn il-fdalijiet mas-sorsi mogħtija billi tikteb l-ittri minn **A** sa **D** li taqbel fil-kaxxi l-vojta.

**A.** Il-Kappella ta' Ħal Millieri | **Ċ.** Il-Kappella ta' Sant'Agata
**B.** Il-Ħaġra ta' Majmuna | **D.** L-Imdina

(i)


(ii)


(iii)


(iv)


(4 x 1 = 4 marki)

3.2 Ikteb sentenza qasira biex turi l-importanza storika ta' dawn il-fdalijiet Medjevali mogħtija hawn fuq.

**A.** Il-Kappella ta' Ħal Millieri: ________________________________

**B.** Il-Ħaġra ta' Majmuna: ________________________________

**Ċ.** Il-Kappella ta' Sant'Agata: ________________________________

**D.** L-Imdina: ________________________________

(4 x 2 = 8 marki)

**(Total = 12-il marka)**

**Taħriġ 4**
**Il-Ħajja tal-Maltin fil-Medjuevu**

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

> Fis-seklu 15 il-Maltin kienu jaqilgħu l-għajxien mill-biedja. L-aktar prodotti li kienu jħallu qligħ kienu l-qoton, il-kemmun u l-għasir ta' l-għeneb. Il-Maltin tal-Birgu kienu bdew jarmaw għas-sibi filwaqt li fl-Imdina kienu jgħixu l-aktar in-nobbli u l-kbarat tal-gżira bħall-Ħakem u l-membri tal-Komun u l-Università. Fis-subborg tar-Rabat kienu jgħixu għadd ġmielu ta' ħaddiema tas-snajja'.

4.1 Agħti sena li taqa' fis-seklu 15. ________________________________________ (1)

4.2 Semmi tliet kategoriji ta' Maltin li jissemmew fis-silta.

____________________ ____________________ ____________________ (3)

4.3 Liema prodotti tal-biedja jissemmew fis-silta?

____________________ ____________________ ____________________ (3)

4.4 Għaliex fl-Imdina kienu jgħixu l-aktar nies importanti tal-gżira?

________________________________________________________________________ (2)

4.5 Min kien il-kap tal-gżira f'dak iż-żmien? ______________________________________ (1)

4.6 X'kien is-sibi? ____________________________________________________________ (2)

4.7 Għaliex in-nies tal-Birgu kienu bdew jagħtuha għas-sibi?

________________________________________________________________________ (2)

4.8 X'kienu l-Komun u l-Università li jissemmew fis-silta?

________________________________________________________________________ (2)

**(Total = 16-il marka)**

**Taħriġ 5**
**Kompli dawn is-sentenzi bil-kelmiet ta' hawn taħt:**

*Sqallija, Spanja, Monroy, Aragona, Art Imqaddsa, Għarab, Nisrani, id-dejma, Rodi, Birgu*

5.1 In-Normanni ġew Malta fl-1091 wara l-____________________

5.2 Ir-re Ruġġieru II għaqqad il-gżejjer Maltin mas-Saltna Normanna ta' ____________________.

5.3 Fi żmien in-Normanni reġa' beda dieħel f'Malta t-twemmin ____________________

5.4 L-Aragoniżi kien poplu li ġej minn ____________________

5.5 Fi żmien l-Aragoniżi l-Maltin kellhom jorganizzaw ____________________biex jiddefendu l-gżejjer mill-furbani.

5.6 Fis-seklu 15 il-Maltin qamu kontra t-tmexxija ta' ____________________.

5.7 Fis-seklu 15 Malta kienet tagħmel parti mis-Saltna ta' ____________________.

5.8 Il-Kavallieri ta' San Ġwann jafu l-bidu tagħhom fl-____________________.

5.9 Qabel ġew Malta l-Kavallieri kellhom il-kwartier ġenerali tagħhom fil-gżira ta' ______________.

5.10 Meta l-Kavallieri ġew Malta huma għamlu l-kwartier ġenerali tagħhom fil-__________________.

**(10 x 1 = 10 marki)**

**Taħriġ 6**

**Taħt liema minn dawn il-ħakmiet kienu l-gżejjer Maltin meta seħħew dawn il-ġrajjiet importanti fl-istorja tal-gżejjer. Kull waħda minn dawn iridu jintużaw darbtejn.**

| |
|---|
| fi Żmien in-Normanni |
| fi Żmien l-Aragoniżi |
| fi Żmien il-Kavallieri |

6.1 Il-ftehim tal-Konti Ruġġieru mal-Qadi barra l-Imdina fl-1091. [ ]

6.2 Meta Gonsalvu Monroy sar sid fewdatarju tal-gżejjer fl-1421. [ ]

6.3 Meta nbena l-Forti Sant'Jiermu fl-1552. [ ]

6.4 Meta r-re Fonzu V ta l-Manja Karta tal-Ħelsien lill-Maltin fl-1428. [ ]

6.5 Meta Malta saret parti mis-Saltna ta' Sqallija aktarx fl-1127. [ ]

6.6 Meta l-Kursar Dragut ħabat għal Għawdex fl-1551. [ ]

**(6 x 2 = 12-il marka)**

**Taħriġ 7**
**Temi mill-Istorja Medjevali ta' l-Ewropa**

**7. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet skond kif meħtieġ.**



7.1 Imla l-piramida soċjali b'dawn il-gruppi soċjali mogħtija:

*nobbli fewdatarji, sultan, bdiewa* (3)

7.2 Semmi dmir li kellhom il-bdiewa lejn is-sidien fewdatarji.

______________________________________ (2)

7.3 Ħares lejn dan is-sors.

(a) X'qed juri dan is-sors?

______________________________

______________________________ (1)

(b) Taħseb li hu sors primarju jew sors sekondarju?

______________________________ (1)

(ċ) Iddeskrivi kif is-suldati huma mħejjija għall-ġlied.

______________________________

______________________________

______________________________ (2)



7.4 Semmi ġenju kbir marbut mar-Rinaxximent fl-Italja.

______________________ (2)

7.5 Semmi żewġ oqsma li għamlu progress kbir fir-Rinaxximent.

____________________________ ____________________________ (2)

7.6 Semmi effett li kellha s-sejba ta' artijiet ġodda fl-Amerika u fl-Asja fuq il-ġnus ta' l-Ewropa tal-Punent.

__________________________________________________________________ (2)

7.7 Semmi esploratur (minn barra Kristoforu Kolombu) u għid x'kienet is-sejba li baqa' magħruf għaliha?

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________ (1, 2)

7.8 Liema kienu l-ewwel żewġ qawwiet Ewropej li bnew imperu bl-iskoperti ta' artijiet ġodda fl-Amerika u fl-Asja?

__________________________________________________________________ (2)

**(Total = 20 marka)**

**8. Ikteb paragrafu ta' madwar 50 kelma fuq TNEJN minn dawn it-temi:**

8.1 Kif kienet titħaddem id-dejma mill-Maltin?
8.2 X'ġara fl-irvell kontra Monroy?
8.3 X'taf dwar il-Kruċjati bejn l-Insara u l-Misilmin?
8.4 Kif kienet taħdem is-sistema fewdali fl-Ewropa Medjevali?
8.5 X'taf dwar sejbiet u skoperti ġodda fi żmien ir-Rinaxximent? **(10 x 2 = 20 marka)**

Paragrafu 1

Paragrafu 2